# Attivitajiet / *Club Activities* Jan – Mejju 2012

| | | |
|---|---|---|
| **Jannar / *January*** | | |
| 5, 12, 19, 26 | Laqgħat ta' tħejjija għas-serata mużiko-letterarja f'ġieħ il-Kittieb Żebbuġi Frans Sammut | *Preparatory meetings for the musico-literary evening in honour of Zebbug author Frans Sammut* |
| 10, 13, 19, 24 & 27 | Kunċerti tal-Banda San Filep bi tħejjija għal-lejla mużiko-letterarja f'ġieħ Frans Sammut | *Musical rehearsals by St Philip Band in preparation for the musico-literary soirée in honour of Frans Sammut* |
| 12, 26 | Coffee Mornings mis-Sezzjoni Nisa – dħul b'xejn | *Coffee Mornings by the Ladies' section – free entrance* |
| 16, 25 & Frar 1 | Kunċerti tal-banda li se tieħu sehem fil-Karnival ta' Acireale. Il-banda tkun magħmula minn bandisti mit-tliet baned ta' Ħaż-Żebbuġ. | *Musical training sessions for the band that will be taking part in the Carnival festivities in Acireale. The band will be made up of elements from the three bands of Żebbuġ.* |
| 28 | Ħarġa għat-tfal<br>Attivitajiet speċjali f'ġieħ Frans Sammut:<br>• Pubblikazzjoni ta' ktejjeb<br>• Akkademja mużiko-letterarja fil-Każin<br>• Jiżżanżan Oratorio ta' Frans Sammut u Mro Richard Bugeja | *Special rehearsals in honour of Frans Sammut:*<br>• *Publication of booklet*<br>• *musico-literary soirée in Mayfair Hall of St Philip Band Club*<br>• *Première of Oratorio by Frans Sammut, music by Mro Richard Bugeja* |
| **Frar / *February*** | | |
| 3 – 6 | Għadd ta' bandisti mit-tliet baned Żebbuġin flimkien ma' uffiċjali u partitarji jżuru Acireale fi Sqallija biex jieħdu sehem fil-festi tal-Karnival. Iż-żjara hija organizzata mill-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ. | *A band formed by the three Zebbug bands together with officers and residents participate in the Acireale Carnival in Sicily. The visit is being organised by the Żebbuġ Local Council.* |
| Frar 17 | Festin tal-karnival fil-każin organizzat miż-Żgħażagħ | *Carnival party organised by the Youth Section of the Club* |
| 9 & 23 | Coffee Morning mis-Sezzjoni Nisa. Dħul b'xejn. | *Coffee Morning by the Women section. Entrance is free* |
| 20 | Festin tal-karnival mill-Kids' Club | *Kids' Club Carnival party* |
| 21 | Jibdew jintramaw il-wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa – din is-sena se tintuża wkoll il-kantina l-antika tal-każin. | *Set-up of the Holy Week exhibitions starts – this year use will be made also of the old basement of the club.* |
| 24 | Ikla fil-każin organizzata mill-Kummissjoni Festa | *Dinner organised by the Feast Commission* |
| **Marzu / *March*** | | |
| 8 | Coffee Morning mis- Sezzjoni Nisa. Dħul b'xejn. | *Coffee Morning by the Ladies' section. Entrance is free* |
| 28 | Inawgurazzjoni tal-wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa | *Inauguratuion of Holy Week exhibitions in the Club's premises* |
| ? | Dramm tal-Passjoni mis-St. Philip Pageant Group fil-pjazza | *Passion play by St. Philip Pageant Group in Żebbuġ main square* |
| **April** | | |
| 8 | Il-Banda San Filep takkumpanja l-purċissjoni tal-Irxoxt mill-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ. | *St. Philip Band accompanies the procession of the Resurrected Christ from the Żebbuġ Parish Church* |
| 19 | Coffee Morning mis- Sezzjoni Nisa. Dħul b'xejn. | *Coffee Morning by the Ladies' section. Entrance is free* |
| **Mejju / *May*** | | |
| 9 | Jibda jxandar ir-Radju tal-Kommunità tal-Każin fuq 106.3FM | *Community radio of the Club starts broadcasting on 106.3FM* |
| 12 | • Ħruġ ta' ktieb ġdid dwar Ħaż-Żebbuġ u Niesu<br>• Marċ mill-Banda San Filep fil-jum liturġiku ta' S Filep | • *Launching of new book on Żebbuġ and its people*<br>• *Band march by St Philip Band* |
| 13 | Attività mis-Sezzjoni Żgħażagħ | *Activity organised by the Youth Section* |
| Mejju | Matul Mejju jsiru t-tħejjijiet għall-festa mill-banda u l-armar tat-toroq ikun fl-aqwa tiegħu | *During May, band and street decoration preparations for the feast will be in full swing.* |
| 27 | Riċeviment għall-benefatturi tal-Għaqda | *Reception for Club benefactors* |
| 28 | Jibda jitqassam il-ktieb tal-festa | *Distribution of the annual Club magazine starts* |

# Avviżi/ *Notices*

- Jekk tixtieq tirċievi dan il-fuljett bl-email informa lill-editur b'din l-email / *If you wish to receive this newsletter online inform the editor on*: phbalzan@gmail.com
- Il-munita kommemorattiva tal-160 anniversarju li minnha sar numru limitat se tkun imsemmija fi ktieb dwar muniti Maltin li se joħroġ f'qasir żmien. /*The 160th anniversary commemorative coin of which a limited edition was minted is being included in a numismatic book soon to be published*.
- Min jixtieq jidfen lil qrabatu li kienu membri fil-qabar tal-Għaqda fiċ-ċimiterju tal-Qalb ta' Ġesù għandu jikkuntattja lis-Segretarju sa tmiem Awwissu. / *Those wishing to transfer the remains of deceased club members to the Club's private grave in the Sacred Heart of Jesus Cemetery in Żebbuġ should contact the Club Secretary* by end of August.
- Min jixtieq jinkiteb membru ġdid jew irid jibda jgħin fil-ħidma tal-Każin għandu jikkuntattja lil xi membru tal-kumitat. Jista' wkoll jibgħat email lil: / *Those wishing to enrol as new members or to volunteer a helping hand should contact some committee member or send an email to: tmifsud@keyworld.net*.
- Jekk trid tidħol fis-St.Philip Pageant Group ċempel jew ikteb lil: / *Those wishing to join the St.Philip Pageant Group may call or write to*: Brian Bonnici on 79270400 or *pageantgroupstphilip@gmail.com*.

  Jinkisbu mill-każin / Can be obtained from the club:
- DVD's: (1) ) tal-Musical "Ir-Rebbieħ" (2) tan-nar tal-festa (3) Il-film XRAR (4) tal-Milied (5) tal-Ġimgħa l-Kbira (6) Lejla Mużiko-letterarja f'Ġieħ Dun Karm Psaila. / *DVD's: (1)* Musical "Ir-Rebbieħ" *(2) Feast fireworks (3) The cinema film XRAR (4) Christmas (5) Holy Week (6) Musico-literary soiree in honour of National Poet Dun Karm Psaila*.
- CD's ta' marċi brijużi u oħrajn funebri rrekordjati mill-Banda San Filep. / *CD's of joyful or funerary band marches recorded by St Philip Band*.
- Kotba: (1) Il-Ġrajja tal-Każin Banda San Filep (2) L-Atti tas-Simposju Luigi Fontana (3) Atti tat-Tifkira tal-50 sena mill-Mewt ta' Dun Karm Psaila (4) Kotba tal-Ġimgħa Mqaddsa u tal-festa (5) Kalendarji. / *Books (in Maltese): (1) The History of Każin Banda San Filep (2) Acts of Simposium Luigi Fontana (3) Acts of Remembrance of Dun Karm Psaila (4) Holy Week and Feast books (5) Calendars*.
- a.m. Ħarġa għat-tfal / *a.m. Outing for children*

Design & Printing: Bestprint Co. Ltd. • Tel: 21 680 789

# TAL-ISTILLA

**Leħen l-Għaqda Każin Banda San Filep A.D 1851** **Ix-Xitwa 2012 – Ħarġa 20**

## Editorjal: Nifirħu

Nibdew bl-eks-President tal-Għaqda Każin Banda San Filep li wara li mhux wisq ilu waqqaf l-Għaqda Nazzjonali tal-Armar tat-Toroq fil-Festi, dan l-aħħar ġie elett segretarju tal-Għaqda Piroteknika Maltija. Kulħadd jaf kemm jaħdem it-tabib Farrugia u kemm għandu għal qalbu l-kultura u l-festi Maltin. Waqt li persważi li dawn se jgawdu mill-kontribut tiegħu, nifirħulu tal-fiduċja li jgawdi minn kulħadd u nawgurawlu l-ħidma t-tajba.

Nifirħu lill-Kummissjoni Banda mmexxija mis-Sur Tarcisio Mifsud u nifirħu wkoll lill-Kumitat tal-Għaqda Każin Banda San Filep għall-mod impressjonanti u dinjituż li bih iċċelebraw il-160 anniversarju mit-twaqqif tal-Banda San Filep bi programmi kbar fl-Università, f'Misraħ San Filep u fl-Arena Montekristo. Kien kbir ukoll l-impenn tal-banda f'26 servizz li l-aqwa fosthom kienu l-Cantata u l-Oratorio li żżanżnu f'Novembru 2011. Inkoraġġanti ħafna huwa n-numru sabiħ ta' bandisti tal-post u ta' alljevi fl-iskola tal-mużika li qed juru impenn serju fit-tagħlim.

Nifirħu lill-banda taż-żgħażagħ fi ħdan il-Banda San Filep li għalqet 25 sena ta' ħidma kontinwa u li llum hija ħajja u attiva aktar minn qatt qabel.

Nifirħu lill-Kummissjonijiet tal-armar u tan-nar għas-suċċess li jiksbu u għall-kontribut li jagħtu lill-Għaqda fil-festa tal-Patrun tar-Raħal, kif ukoll għall-i*stands* li tellgħu fil-wirja nazzjonali li saret fi tmiem Novembru 2011 fil-Montekristo Estates.

Nifirħu lill-Kummissjoni Kultura tal-attivitajiet varji u ta' livell għoli li qed torganizza b'mod professjonali. Fosthom kellha l-Lejla f'ġieħ Dun Karm – li wara ntweriet fuq żewġ stazzjonijiet televiżivi, website ġdida tal-każin, pubblikazzjonijiet, presepju statiku kbir u ieħor ħaj fix-xelter.

Semmejna lil dawn mhux għax huma biss jaħdmu imma għax spikkaw fost dawk kollha li jaħdmu b'mod volontarju fi ħdan il-Għaqda Każin Banda San Filep għall-ġid mhux biss ta' din l-Għaqda imma wkoll ta' beltna u tal-kultura Maltija.

**www.bandasanfilep.com.mt**

## Għeluq Trijunfanti għaċ-Ċelebrazzjoni tal-160 Anniversarju tal-Banda San Filep: *Première* tal-*Cantata* 'Filep' u tal-*Oratorio* 'San Filep – Sebħ Aġġira'



Il-Banda San Filep għalqet bil-kbir is-sena tal-anniversarju mit-twaqqif tagħha meta fil-5 ta' Novembru 2011, ġewwa l-Arena tal-Monte Kristo Estates, Ħal Farruġ, iżżanżnu Oratorio u Cantata bl-akkumpanjament tal-kor Mirabitur, tal-kantanti solisti t-tenur Joseph Aquilina, s-sopran Joan Mangion u l-baritonu Alfred Camilleri, tan-narraturi Joyce Guillaumier u Joe Cortis u mima mis-St. Philip Pageant Group sinkronizzata mal-mużika.

L-Oratorio 'San Filep – Sebħ Aġġira' għandu kliem u mużika ta' Mro. Richard Bugeja, id-direttur tal-istess banda. Il-Cantata 'Filep' għandha mużika ta' Mro. Ray Sciberras fuq lirika tal-mibki Frans Sammut.

L-ammiraturi tal-banda u mistednin oħra li attendew numerużi ngħataw ktejjeb eleganti ta' 28 paġna bil-lirika u b'tagħrif ieħor dwar l-okkażjoni. Dan il-kunċert speċjali sar taħt il-patroċinju distint tal-E.T il-President ta' Malta Dr. George Abela.



*Mix-xellug: Jean Pierre Sammut, Mro Ray Sciberras, Dr Godfrey Farrugia, Mro Richard Bugeja, Paul Grima.*

## AKKADEMJA MUŻIKO-LETTERARJA F'ĠIEĦ FRANS SAMMUT

**BIS-SEHEM TAL-BANDA SAN FILEP**

**fis-Sala Prinċipali tal-Każin Banda San Filep, Ħaż-Żebbuġ**

**Is-Sibt 28 ta' Jannar 2012, fis-7:00pm**

***Kulħadd hu mistieden***

**Każin Banda San Filep**

*Charlie Vella il-Barman ġdid*
*ċemplu fuq 99 972 920*

*Għal xarba ġenwina mal-ħbieb u mal-familja b'appetizers mill-aqwa. Ikliet f'kull ħin f'post komdu.*

# Aħbarijiet
# mill-Għaqda Każin Banda San Filep AD 1851

## 1. Ħames programmi mużikali tal-Banda San Filep matul l-2011.

- Nhar il-Ġimgħa l-Kbira, fit-22 t'April, qabel ma bdiet takkumpanja l-purċissjoni, il-Banda San Filep għamlet programm ta' mużika sagra u funebri fil-pjazza, differenti mill-marċi li daqqet fil-purċissjoni.
- Fil-21 ta' Mejju 2011 għamlet soiree d'honneur ad unur is-Sopran Joan Mangion, presedut mill-Prim Ministru ta' Malta l-Onor Dr Laurence Gonzi, fl-awditorju Sir Temi Zammit tal-Università ta' Malta, li matulu indaqqu 19-il silta mużikali varjati, minn mużika operistika sa kanzunetti klassiċi.
- Fit-3 ta' Ġunju, f'Misraħ San Filep għamlet programm strumentali ukoll presedut mill-Prim Ministru l-Onor Dr Gonzi, din id-darba biex tfakkar il-160 anniversarju mill-bidu tal-attività mużikali tagħha.
- Fil-11 ta' Ġunju, għamlet il-kunċert vokali u strumentali annwali ta' lejlet il-festa tal-Patrun tar-Raħal u tagħha. Minbarra l-kantanti solisti mal-banda dis-sena ħa sehem ukoll il-vjolinista Dr Joe Chetcuti.
- Fil-5 ta' Novembru, għalqet il-festi tal-160 sena b'kunċert memorabbli li fih żżanżnu Oratorio u Cantata, it-tnejn iddedikati lil San Filep. (Ara paġna 1)

Minbarra dawn kellha 21 servizz ieħor, bejn dawk f'Ħaż-Żebbuġ u dawk fi rħula oħra. Dawn flimkien mal-kunċerti ta' tħejjija għamlu s-sena li għaddiet waħda ta' ħidma bla heda għall-banda, l-aktar meta tqis li f'kull programm indaqqet mużika differenti.


*22 ta' April*


*21 ta' Mejju*


*Il-Banda taż-Żgħażagħ tieħu sehem f'attività għall-karità*

## 2. Fl-2011, il-Banda taż-Żgħażagħ għalqet 25 sena

Kienet twaqqfet fl-1986 minn Mro Michael Ciantar u baqgħet attiva sal-lum. Minbarra servizzi f'okkażjonijiet speċjali bħal fi żmien il-Milied, din il-banda tmur iddoqq fl-isptarijiet u waqt attivitajiet ta' ġbir ta' fondi għall-karità. Ma' din il-banda tul l-2011 ingħaqdu 14-il bandist ġdid li ħarġu mill-iskola tal-mużika.


*Żjara mill-President fil-Każin Banda San Filep*

## 3. Żjara mill-President ta' Malta

Fit-30 t'Ottubru, l-E.T. Dr George Abela żar il-każin waqt żjara li kien qed jagħmel lis-soċjetajiet ta' Ħaż-Żebbuġ. Huwa ltaqa' man-nies li kien hemm fil-bar kif ukoll mal-membri tas-St Philip Pageant Group li nzertaw kienu qed jagħmlu prova tal-mima għall-kunċert ta' ġimgħa wara. Ingħataw diversi rigali lill-President li wera li għoġbuh u rrimarka li kollox bi kbir nagħmlu.

**TWANNY SPITERI** FUNERAL SERVICES
*24 hours (Day & Night)*
*3, Triq tal-Grazzja, Ħaż-Żebbuġ*
*Office* 2146 5122 / 2147 2219 • *Mob:* 9947 1168
Karozza tal-Funerali b'xejn


## 4. Żjara Kulturali

Il-Ħadd 27 ta' Novembru, aktar minn 250 ruħ mqassma f'erba' gruppi organizzati mid-Dipartiment tal-Kultura żaru l-każin bħala parti minn żjara kulturali marbuta mal-50 sena mill-mewt ta' Dun Karm. Waqt iż-żjara, l-PRO tal-Għaqda għamlilhom preżentazzjoni dwar Dun Karm u Ħaż-Żebbuġ. Bosta kkummentaw li l-materjal ippreżentat kien ġdid għalihom u sabuh ferm interessanti. L-organizzaturi rrimarkaw li ż-żjara fil-każin kienet tisboq dak li stennew u saret il-*highlight* tal-ħarġa.



*Żjara Kulturali organizzata mid-Dipartiment tal-Kultura*

## 5. Wirja Nazzjonali

Tliet fergħat tal-Għaqda ħadu sehem fil-wirja nazzjonali fuq il-festa Maltija li saret fil-Kumpless Montekristo fi tmiem Novembru. Iż-żewġ kummissjonijiet Nar u Tal-Armar tellgħu żewġ *stands* li kienu fost l-aħjar li kien hemm fil-wirja. Il-Banda San Filep għamlet marċ nhar il-Ħadd 27 ta' Novembru meta l-wirja laħqet il-qofol tagħha bil-purċissjoni.



*Attività f'Montekristo*

## 6. Il-Milied

- Il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru, l-każin kien għagħa sħiħa bl-attività. L-iskola tal-mużika għamlet il-kunċert annwali tagħha li fih daqqet il-banda ta' 34 element żagħżugħ kif ukoll xi 20 aljev li daqqew fi gruppi żgħar jew waħedhom. Ingħataw rikonoxximent l-aħjar żewġ aljevi tas-sena, Charlene Bartolo u Chris Cutajar. L-aljev Giuseppe Mousù għamel il-Prietka tat-Tifel waqt li Peter Paul Ciantar tkellem fuq il-Milied ta' tfulitu. Ippresieda l-Prof Charles Zammit li wera l-apprezzament tiegħu għax-xogħol tajjeb li qed isir mill-iskola tal-mużika.
- Fi tmiem il-kunċert ġie inawgurat presepju kbir statiku fil-kantina l-qadima, maħdum minn Brian Bonnici. Wara s-St Philip Pageant Group ippreżentaw il-presepju ħaj li din is-sena kien jitratta t-twelid fix-xelter fi żmien il-gwerra.
- Is-Sibt 17 ta' Diċembru sar id-*dinner dance* annwali fil-Lukanda Soreda, organizzat mis-Sezzjoni Nisa.
- Il-Ħadd 18 ta' Diċembru, il-Banda San Filep daqqet għanjiet tal-Milied fit-toroq tar-raħal. Lejlet il-Milied għadd sabiħ ta' bandisti żgħażagħ akkumpanjaw il-purċissjoni tal-Bambin organizzata minn tal-Mużew.
- Is-Sibt 24 ta' Diċembru saret ikla kbira fil-każin organizzata mill-kummissjoni festa.



*Chris Cutajar*



*Charlene Bartolo*





*(fuq) Kunċert Annwal ital-Milied u (lemin) il-Banda San Filep iddoqq għanjiet tal-Milied.*



## 7. Zokklatura ġdida

Il-faċċata tal-każin fi Triq Sciortino saritilha zokklatura ġdida tal-irħam li ġiet imħallsa mill-ħidma tal-kummissjoni tal-wirjiet tal-Għaqda, taħt it-tmexxija tas-Sur Rosario Magri.




*Munita kommemorattiva:*
*160 Sena mit-Twaqqif tal-Banda San Filep*

Sei Garage Spray Painting

**Omar Said**

9, Carmel Yard, Vjal il-Ħelsien, Żebbuġ - Malta • Mob: 99294763

